# 19. Għanja liċ-Ċipress

Aħfirli, ja Ċipress, felħan, dewwiemi,
talli għajjartek li minn sidrek aħrax
ma jnixxix il-ħalib, iżda biss ġandar
bla demm, bla laħam.

Ġewwa l-kannestru f'id is-Sajf imdendel,
mal-għeneb u l-parsott, mal-ħawħ u l-pruna,
l-għelejjel tiegħek ma jlewnux u jfewħu
qalb weraq niedi.

Is-siġra tiegħek tal-għotjiet għassiesa
jerdgħu minn ġewwa l-blat ħajja wisq iebsa,
li, flok ma twarrad u fl-għelejjel tħammar,
tinfexx fis-saħħa,

Saħħa ta' zkuk, saħħa ta' friegħi għolja,
saħħa ta' weraq iebes daqs il-labar,
u kollox miksi bil-bellus li jħaddar
is-sena kollha.

Is-siġar tiegħek tal-għoljiet għassiesa
igħannu l-għanja mqita tal-qalbiena
li qatt ma stmerru l-ġlied mar-rjieħ u r-rwiefen
u mad-dagħbien!

U meta fuq il-blat ta' fuq ix-xtajta
l-Ewwel Baħħar xtaq artijiet imbegħda
ta' ward u ta' tfajliet bil-ġmiel imżejna
bla qies, bla ħjiel,

U beża' li jitqarraq mit-tbissima
tal-mewġ daħqan, kienet il-għanja tagħhom
li daħlet f'qalbu u qanqlet fih il-ħeġġa
illi jġedded,

Illi jġedded mal-irjieħ u l-ħalel,
u jirbaħ il-ħolqien; u minn fuq l-iġbla
waħda mis-siġar niżlet fuq il-baħar
u siefret bih!

Illum m'għadhomx joforqu tas-seba' ibħra
it-toroq imrgħawin, 'mma fuq il-ħotba
is-siġar tiegħek għadhom jinsġu l-kori
tal-qalbenin;

U aktarx li flokhom il-għoljiet jixxenglu
mal-buffuri tar-riħ, li biex jaqlagħhom
minn fejn qegħdin irid mill-qiegħ iqaċċat
l-istess għoljiet.